

## Dispożittiv

L-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu rekwiżiċċi proċedurali tad-dritt għal tnaqqis, li l-ksur tagħhom, fċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux iwasslu għat-telf ta' dan id-dritt.

<sup>(1)</sup> ĠU C 24, 25.01.2014.

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-11 ta' Diċembru 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-677/13)<sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 1999/31/KE — Artikoli 6(a), 8, 9(a) sa (c), 11(1) u 12 — Direttiva 2008/98/KE — Artikoli 13, 23 u 36(1) — Immaniġġar ta' skart — Rimi ta' skart f'landfill — Assenza ta' awtorizzazzjoni valida għal landfill — Funzjonament ħażin fl-operat tal-landfill)

(2015/C 046/20)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia u E. Sanfrutos Cano, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: E. Skandalou, aġent)

## Dispożittiv

1) F'dak li jikkonċerna s-sit ta' rimi f'landfill ta' Kiato:

- billi ma ħaditx il-miżuri neċċesarji sabiex l-immaniġġar ta' skart fis-sit inkwistjoni jsir mingħajr ma jipperikola s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent, u sabiex tipprobixxi l-abbandun, ir-rimi jew l-eliminazzjoni mhux ikkontrollat tal-iskart tas-sit inkwistjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 13 u 16(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi;
- billi ttollerat l-operat ta' dan is-sit mingħajr awtorizzazzjoni valida għal landfill li tosserva l-kundizzjonijet u l-kontenut previsti għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni u, konsegwentement, mingħajr ma d-detentur tal-iskart jew l-operatur tas-sit ikun jista' jipproduċċi prova, qabel il-kunsinna tal-iskart inkwistjoni jew fil-mument tagħha, li dan l-iskart jista' jiġi aċċettat fis-sit skont il-kundizzjonijiet iddefiniti fl-awtorizzazzjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 8, 9 (a) sa (c) u 11(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma kif ukoll tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98, u
- billi ma żgurax li, matul il-fażi ta' operat ta' landfill, l-operatur jimplempta l-programm ta' kontroll u ta' sorveljanza spċifikat fl-Anness III tad-Direttiva 1999/31, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 12(a) ta' din id-direttiva.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 52, 22.02.2014.